# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-30 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawza Numru: 1K**

**Rik. Kost. 114/2019 RGM**

**Carmela Briffa (K.I. 654343M),**
**Joseph Cachia (K.I. 1043244M),**
**Joseph Cachia (K.I. 1043244M)**
**Bhala mandatarju tal-assenti Anthony**
**Cachia, Emanuela Zahra (K.I. 29850M),**
**Georgina Muscat (K.I. 204052M),**
**Michael Cachia (K.I. 0562453M),**
**Mary Zammit (K.I. 673154M),**
**Carmela Dolores Mifsud (K.I. 164656M)**
**Catherine Mifsud (K.I. 213458M),**
**Carol Cachia (K.I. 298560M) u**
**Mary Grace Camilleri (K.I. 523366M)**

**vs.**

**L-Avukat Generali illum l-Avukat tal-Istat u**
**l-Awtorita` tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tar-rikorrenti** pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2019 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 1969, missier l-esponenti Paul Cachia gie notifikat b'kopja ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li sitt bicciet art f'Kalafrana u Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga tal-kejl ta' [a] bicca art tal-kejl ta' zewg tmien u siegh (2T.1s.OK), li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn nofs-in-nhar ma' proprjeta' tas-Sur Anthony Grixti, [b] bicca art tal-kejl ta' erba' tmien zewg sieghan hames kejliet u seba' decimi ta' kejla (4T.2S.5.7K) li tmiss mill-Lbic ma' triq, mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Anthony Grixti w mill-Grigal u mill-Lvant ma' propjeta' tas-Servizzi, [c] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien kejla u hames decimi ta' kejla (3T.0S.1.5K) li tmiss mill-Lbic ma' sqaq, mill-Punent ma' proprjeta' ta' John Azzopardi, u mill-Grigal parti ma' proprjeta' ta Joseph Vassallo u parti ma' proprjeta ta' Anthony Grixti, [d] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien hames sieghan hames kejliet u erba' decimi ta' kejla (3T.5S.5.4K) li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-Grigal ma' triq, mil-Lvant ma' sqaq u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino u ohrajn, [e] bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T.0S.9K.), li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, mill-Lvant parti ma' proprjeta' ta' John Schembri w parti ma' prorjeta' tas-Servizzi w minn Nofs-in-Nhar parti ma' proprjeta' ta' John Azzopardi w parti ma' proprjeta' tas-Servizzi, u [f] bicca art tal-kejl ta' erbatax tmien (14T.), li tmiss mill-Majjistral ma' triq, mil-Lbic parti ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, parti ma' proprjeta' ta' Anthony Muscat u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Michael Galea, u minn Nofs-in-nhar ma' proprjeta' ta' John Azzopardi hija mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut;

2. Illi apparti l-artijiet gia indikati, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet illum l-Awtorita tal-Artijiet, kien ukoll esproprija bicca art ohra konsistenti minn sebat itmiem, erba' sighan u zewg kejliet (7T. 4S. 2K) u villa maghrufa bhala 'Villa Cachia' indikata fir-records tal-intimata Awtorita tal-Artijiet bhala Plot 16;

3. Illi dawn l-artijiet illum jiffurmaw parti mill-Freeport Zone u sahansitra kwalunkwe binja li kien hemm ezistenti fuqhom gie imwaqqa u l-art giet inkorporata fl-area tal-Freeport;

4. Illi r-rikorrenti ottjenew l-art in kwistjoni bhala l-eredi tal-genituri taghhom u cioe bhal l-eredi ta' missierhom Paul Cachia li miet fil-15 ta' Awissu 2010 u ommom Tereza nee Aquilina li mietet fit-12 ta' Settembru 2003;

5. Illi bhala eredi tal-genituri taghhom ir-rikorrenti flimkien u f'ishma indaqs huma s-sidien tal-artijiet indikati fl-ewwel paragrafu ta' dan ir-rikors, u flimkien f'ishma indaqs huma s-sidien ta' terz tal-art u l-fond indikati fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors;

6. Illi l-antekawza tar-rikorrenti u cioe il-genituri taghhom Paul u Tereza Cachia kienu istitwew proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex fil-konfront tal-art in kwistjoni jilmentaw minn ksur tad-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta kif protett f'artikolu 6.1 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni, liema proceduri kienu jgibu in-numru 39/2006 fl-ismijiet Paul Cachia u Tereza Cachia vs. l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006 gew kjamati fir-rikors il-Malta Freeport Corporation Ltd u Malta Freeport Terminals Ltd;

7. Illi l-ilment principali fl-imsemmija proceduri fil-konfront tal-art in kwistjoni kien dwar in-nuqqas ta' interess pubbliku ghat-tehid tal-art in kwistjoni;

8. Illi tali proceduri kienu gew decizi b'mod finali mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjoni permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Mejju 2014;

9. Illi sussegwentement ir-rikorrenti pprezentaw proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan tramite l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrenti kontra Malta, liema applikazzjoni ggib in-numru ta' referenza 72486/14;

10. Illi kemm il-proceduri quddiem l-Onorrabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili decizi finalment mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienu jinvolvu kemm ilment dwar l-art mertu ta' dan ir-rikors u anke ilment dwar artijiet ohra fil-vicinanzi tal-istess art;

11. Illi l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gew decizi b'mod finali permezz ta' decizjoni moghtija fit-22 ta' Jannar 2019;

12. Illi din il-Qorti qieset l-ilment dwar l-art mertu ta' dan ir-rikors b'mod separat mill-ilment dwar l-artijiet l-ohra;

13. Illi fir-rigward tal-art mertu ta' dan ir-rikors dik il-Qorti kkonkludiet billi ddikjarat li l-esponenti ma kienux qajmu kwistjoni ta' nuqqas ta' proporzjonalita' emanenti ukoll minn nuqqas ta' hlas ta' kumpens rigwardanti dawn l-artijiet in kwistjoni pero li kienu llimitaw ruhhom f'illi ssottomettew illi l-interess pubbliku kien nieqes stante li l-Freeport kienet negozju privat b'interessi privati u mhux proġett pubbliku, u allura ma kienx hemm talba ghal kumpens.

Il-Qorti fil-fatt qalet hekk:

"*28. ... Thus, in the Court's view, the siutation is one which merited a specific complaint to that effect. While it is true that the applicants argued on appeal that the absence of any compensation would render the measure*

*disproportionate, the Constutitional Court replied that the applicants could not raise new issues at that stage of the proceedings.*
*29. The court reiterates that in accordance withg Article 35.1 of the Convention, the Corut may only deal with an issue after all domestic remedies have been exhausted.*"

14. Illi ghat-tehid tal-art in kwistjoni sa llum la r-rikorrenti u lanqas l-antekawza taghhom qatt ma rcevew kumpens ghat-tehid ta' dawn l-artijiet mill-intimati;

15. Illi in oltre l-intimata Awtorita tal-Artijiet ma wettqet l-ebda azzjoni u ma istitwiet l-ebda proceduri sabiex jigi determinat u likwidat il-kumpens dovut lir-rikorrenti ghat-tehid tal-artijiet in kwistjoni, anzi l-Awtorita tal-Artijiet fil-passat rapprezentata mill-Kummissarju tal-Artijiet kienet irtirat proceduri li kienu pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u dan sehh f'April 2003, u sussegwentement ma harget l-ebda avviz jew notifika dwar kumpens u ma hadet l-ebda pass fil-ligi mehtieg sabiex jigi offrut il-kumpens dovut jew isir il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut ;

16. Illi r-rikorrenti u l-antekawza taghhom ilhom madwar hamsin (50) sena mcahhda mill-art in kwistjoni u minn kwalunkwe kumpens lilhom dovut ghal tali tehid, u dan billi filwaqt li t-tehid in kwisjtoni sar fis-sena 1969 huma llum baqaw minghajr hlas ta' kumpens ragonevoli li jirrispetta l-valur fis-suq tal-art in kwistjoni;

17. Illi matul dawn is-snin huma mhux biss gew imcahhda minn dak il-kumpens li jirraprezenta l-valur fis-suq tal-artijiet in kwistjoni, izda ukoll gew imcahhda mill-interessi fuq dak il-valur;

18. Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti u l-ante kawza taghhom gew imgeghla jgorru piz sproporzjonat u li ghalhekk sa llum ghada ssehh fil-konfront tar-rikorrenti vjolazzjoni tad-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta taghhom liema vjolazzjoni u dan billi r-rikorrenti ghadhom ma gew

ikkumpensati bl-ebda mod matul il-madwar hamsin (50) sena li t-tehid tal-art ilu ghaddej;

19. Illi ghalhekk r-rikorrenti ghadhom qedghin ibaghtu l-vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghad-dgawdija tal-proprjeta u kellhom iresqu dawn il-proceduri sabiex jottjenu l-aktar rimedju effettiv li jindirizza c-cirkostanzi f'liema sehhet u ghadha qeghda ssehh il-vjolazzjoni tad-dritt taghhom kif protett fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-mertu ta' dan ir-rikors billi:

A. Tiddikjara li ghal dak li jirrigwarda l-artijiet indikati fl-ewwel premessa ta' dan ir-rikors, u cioe l-artijiet li jikkonsistu fis-segwenti:

Sitt bicciet art f'Kalafrana u Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga tal-kejl ta' [a] bicca art tal-kejl ta' zewg tmien u siegh (2T.1s.OK), li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn nofs-in-nhar ma' proprjeta' tas-Sur Anthony Grixti, [b] bicca art tal-kejl ta' erba' tmien zewg sieghan hames kejliet u seba' decimi ta' kejla (4T.2S.5.7K) li tmiss mill-Lbic ma' triq, mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Anthony Grixti w mill-Grigal u mill-Lvant ma' propjeta' tas-Servizzi, [c] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien kejla u hames decimi ta' kejla (3T.0S.1.5K) li tmiss mill-Lbic ma' sqaq, mill-Punent ma' proprjeta' ta' John Azzopardi, u mill-Grigal parti ma' proprjeta' ta Joseph Vassallo u parti ma' proprjeta ta' Anthony Grixti, [d] bicca art tal-kejl ta' tlett tmien hames sieghan hames kejliet u erba' decimi ta' kejla (3T.5S.5.4K) li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-Grigal ma' triq, mil-Lvant ma' sqaq u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino u ohrajn, [e] bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T.0S.9K.), li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, mill-Lvant parti ma' proprjeta' ta' John Schembri w parti ma' prorjeta' tas-Servizzi w minn Nofs-in-Nhar parti ma' proprjeta' ta' John Azzopardi w parti ma' proprjeta' tas-Servizzi, u [f] bicca art tal-

kejl ta' erbatax tmien (14T.), li tmiss mill-Majjistral ma' triq, mil-Lbic parti ma' proprjeta' ta' Vincenza Pullicino w ohrajn, parti ma' proprjeta' ta' Anthony Muscat u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Michael Galea, u minn Nofs-in-nhar ma' proprjeta' ta' John Azzopardi

il-fatt illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali hawn fuq imsemmija gew esproprijati dawn l-artijiet u r-rikorrenti ma gew bl-ebda mod kumpensati minkejja t-trapass ta madwar hamsin sena, dan jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 u tal-Artikolu 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni;

B. Tiddikjara li ghal dak li jirrigwarda l-art u binja indikati fit-tieni premessa ta' dan ir-rikors, u cioe dik li tikkonsisti fis-segwenti:

bicca art ohra konsistenti minn sebat itmiem, erba' sighan u zewg kejliet (7T.4S.2K.) u villa maghrufa bhala "Villa Cachia" indikata fir-records ta' l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet bhala Plot 16 li minnhom l-esponenti ghandhom terz indiviz,

il-fatt illi ghall-esproprjazzjoni tal-imsemmija art u binja u minkejja d-demolizazzjoni tal-imsemmija binja u t-trapass ta' madwar hamsin sena r-rikorrenti ma gew bl-ebda mod ikkumpensati jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 u tal-Artikol 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni;

C. Tillikwida bhala kumpens li ghandu jigi mhallas mill-intimati lir-rikorrenti dak l-ammont li jirraprezenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kollha fuq imsemmija, in oltre ammont bhala kumpens ghaz-zamma tal-art u binjiet in kwistjoni mill-intimati ghal madwar hamsin (50)

sena u cioe mid-data tat-tehid taghhom kif ukoll ammont bhala kumpens li jidhrilha xieraq ghat-telf fiz-zieda tal-valur fuq l-artijiet u binjiet in kwisjtoni hekk imsejjah mill-Qorti Ewropea bhala 'loss of value increase';

D. Taghti dawk ir-rimedji ulterjuri kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez.

Rat ir-**risposta tal-Avukat Generali illum maghruf bhala l-Avukat tal-Istat**[1]ipprezentata fl-20 t'Awwissu, 2019 fejn jinghad kif gej:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jsostni illi in vista tal-fatt illi din il-kawża u l-kawża fl-ismijiet premessi bin-numru 113/2019 TA huma konnessi ma' xulxin u dan peress illi huma mnissla mill-istess kawża u cioe' mill-kawża deċiża fit-22 ta' Jannar 2019 mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Case of Cachia and others v. Malta**[2] u peress illi huma mnissla wkoll mill-istess għemil tal-Awtorita' intimata qabel il-Kummissarju tal-Artijiet, fl-umli fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti għandha tordna illi dawn iż-żewġ kawżi jiġu mismugħa flimkien ai termini tal-artikolu 793(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni odjerna stante li m'għandux il-mansjoni li jesproprija l-artijiet, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti b'setgħat kostituzzjonali u dan peress illi s-sitwazzjoni tar-rikorrenti illum ġiet rimedjata bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 65 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta) f'April 2017. Bis-

[1] Bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)
[2] Application Number 7248614

saħħa ta' dan l-artikolu, il-Parlament Malti ħoloq aċċess legali u ġudizzjarju xieraq u effettiv sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu jekk jidhrilhom li huma ġew ippreġudikati minħabba esproprju li ma ġiex mitmum;

4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ma messhomx jintlaqgħu u dan peress illi kull deċiżjoni għall-ħlas ta' kumpens għall-art li ġiet esproprijata kif ukoll kumpens għar-rigward ta' danni materjali kif ukoll danni morali, tista' tingħata mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet skont l-artikolu 65 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, b'jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 74 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad ukoll hawnhekk illi ai termini tal-artikolu 66 tal-istessKap. 573, is-sid għandu jedd ukoll li jirċievi mgħax bir-rata sempliċi ta' tmienja fil-mija fuq il-kumpens li jkun ġie stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ kif dan ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djaru dan l-imgħax għandu jibda jgħaddi mid-data ta' meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni.

5. Illi fir-rigward ta' dawk l-artijiet indikati fir-rikors promotur li ma ttieħdux għall-"Freeport Zones" skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 334 tal-Liġijiet ta' Malta, li jidher illi huma l-artijiet immarkata bħala (e) u (f) fir-rikors promotur, l-esponent jeċepixxi illi l-Qorti Kostituzzjonali diġa' pronunzjat ruħha dwarhom fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et**[3] deċiża fit- 28 ta' Diċembr 2001 fejn qalet illi d-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Ġenerali in kwantu dawk l-artijiet hija bla effett fil-liġi. Għaldaqstant peress illi in vista ta' dik is-sentenza id-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur ġenerali m'għadhomx jgħoddu u allura effettivament l-artijiet kellhom jerġgħu jiġu ritornati, ċertament illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha 'l oħra din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-kumpens konsistenti f'ammont li jirrapreżenta l-valur ta' dawk il-proprjetajiet;

[3] Rikors Numru 586/1997 VDG.

6. Illi in linea preliminari r-rikorrenti jridu jġibu prova wkoll illi l-artijiet mertu tal-każ odjern ilkoll jiffurmaw parti mill-Freeport Zone u li ttieħdu għall-'Freeport Zones' skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 334 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi in linea preliminari ir-rikorrenti jridu jġibu prova li huma tassew il-werrieta tal-ġenituri tagħhom Paul Cachia u Tereza nee' Aquilina u kif ukoll li qabel ma nbdew dawn il-proċeduri huma għamlu d-dikjarazzjoni causa mortis u li liema dikjarazzjoni tkopri l-artijiet u proprjetajiet mertu tal-każ odjern;

8. Illi in kwantu t-talba l-kumpens għaż-żamma tal-art għall-żmien twil, l-epsonent jeċepixxi illi din it-talba diġa' saret mir-rikorrenti fil-kawża **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et**[4] deċiża fit-28 ta' Diċebru 2001 u l-kawża **Paul Cachia et vs Avukat Ġenerali et**[5] deċża fit-30 ta' Mejju 2014 u l-Qorti diġa' iddeċidiet dwar tali talba fis-sentenzi tagħha. Għaldaqstant sad-data tas-sentenzi msemmija, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex terġa' tippronunzja ruħha dwar tali talba;

9. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex in kwantu mibnija fuq l-artikolu 32(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress illi dan l-artikolu ma jeżistix;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jrid jiġi determinat il-mument li fih għandhom japplikaw l-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan peress illi l-ordni ta' esproprijazzjoni ħarġet fl-1969 u cioe' ferm qabel ma daħlu fis-seħħ dawn l-artikoli;

---

[4] Rikors Numru 586/1997 VDG.
[5] Rikors Numru 39/2006.

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-mertu l-esponent jeċepixxu illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

12. Illi r-rikorrenti iridu jġibu prova tal-fatti minnhom esposti u jispjegaw kif seħħet l-allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;

13. Illi mingħajr preġudizzju fi kwalunkwe każ ma hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

14. Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jirrileva illi l-fatt li ttieħdet art mill-pussess tal-rikorrenti, din saret unikament għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, liema skop u interess pubbliku għadhom jissusistu sal-ġurnata tal-llum u dan kif konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Cachia et vs L-Avukat Ġenerali et**[6] deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 u anke mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Case of Cachia and others v. Malta**[7] deċiża fit-22 ta' Jannar 2019;

15. Illi kemm-il darba jirriżulta xi ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, allura sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur hi minnha nfisha ta' sodisfazzjoni suffiċjenti għall-istess ksur ta' drittijiet;

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għal kumpens f'dak l-ammont li jirrappreżenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kolha msemmija fir-rikors promotur, l-esponent jeċepixxi illi dan ma jisatx jingħata u dan in vista ta' dak li jistipula s-sub-artikolu 65(5) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta u semmai il-kumpens irid jiġi kalkulat kif indikat fl-istess sub-artikolu 65(5);

[6] Appell Ċivili Nru 39/2006/1.
[7] Applikazzjoni Numru 72486/14.

17. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-**risposta tal-Awtorità tal-Artijiet** ipprezentata fil-21 t'Awwissu, 2019 u jinghad kif gej:

1. Preliminarjament, il-kawza hija improponibbli peress illi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju x'jezercitaw ai termini tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ukoll ir-rikorrenti jridu juri li huma sidien tal-art u li d-denunzji relattivi saru qabel ma jipproponu t-talbiet attrici– prova li sal-lum ghadha ma saritx;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ma jistghux jigu mistharrga minn dina l-Onorabbli Qorti u dan peress li skont l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kwistjonijiet relatati mal-ezekuzzjoni ta' decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress li l-ghemil kollu maghmul ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa mhares bl-applikazzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isegwi illi dak kollu maghmul fis-sens ta' din l-Ordinanza ma tistax twassal ghal-lanjanza Kostituzzjonali kif imressqa mir-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qatt qabel illum ma talbu kumpens ghall-ksur u *ex admissis* u dan gie rifless minnhom fil-kawzi citati minnhom, illum in gudikat;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu li l-kumpens dovut lilhom ghall-art esproprijata ghandu jinhadem fuq il-prezz kurrenti. Dan peress illi l-Qorti Ewropea u l-Qorti Kostituzzjonali esprimew kif dewmien tal-hlas tal-kumpens dovut ghandu jigi rimedjat billi wiehed imur fuq ic-cifra originali tal-art ta' meta din ittiehdet u jistharreg imbaghad kemm dik ic-cifra ta' flus giet tiswa llum meta wiehed ihares lejn l-indici ta' inflazzjoni;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

9. Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta tal-Avukat Generali;

Rat illi fis-seduta mizmuma fis-26 ta' Settembru 2019 il-Qorti dderrigiet lill-partijiet sabiex jigu l-ewwel trattati u decizi t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-Avukat Generali u l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali pprezentata fis-6 ta' Novembru 2019, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet ipprezentata fis-7 ta' Novembru 2019 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata fil-31 ta' Jannar 2020 rigwardanti l-eccezzjonijiet su-indikati;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-Avukat Generali u dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet.

Ikkunsidrat;

**Retroxena.**

Il-mertu ta' din l-azzjoni jirrigwarda numru ta' artijiet, seba' bicciet b'kollox, f'Kalafrana u Benghajsa limiti ta' Birzebbuga li gew esproprjati mill-Gvern ghal skopijiet pubblici. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li bis-sahha ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1969, Paul Cachia, missier ir-rikorrenti gie notifikat b'kopja ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali fejn gie informat li s-segwenti artijiet kienu mehtiega, kif diga inghad ghal skop pubbliku:

a) bicca art tal-kejl ta' zewgt itmien u siegh (2T.1s.);
b) bicca art tal-kejl ta' erba' tmien zewg sieghan hames kejliet u seba' decimi ta' kejla (4T.2S.5.7K);
c) bicca art tal-kejl ta' tlett tmien kejla u hames decimi ta' kejla (3T.0S.1.5K);
d) bicca art tal-kejl ta' tlett tmien hames sieghan hames kejliet u erba' decimi ta' kejla (3T.5S.5.4K);
e) bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T.0S.9K.);
f) bicca art tal-kejl ta' erbatax tmien (14T.).

Mis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 587/97) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001 jirrizulta li l-ante-kawza tar-rikorrenti kien gie "notifikat b'avviz ghall-ftehim fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka w libera ta' l-artijiet fuq imsemmija huwa ta' mija u hamsa w disghajn lira maltin (LM195) ghall-bicca art markata [a]; tlett mija w sittin lira maltin (LM360) ghall-bicca markata [b]; tlett mija u hames liri maltin (LM305) ghall-bicca markata [c]; erba' mija w tnejn u tletin lira maltin (LM432) ghall-bicca markata [d]; elf u erbghajn lira maltin (LM1,040) ghall-

bicca art markata [e]; u elfejn, mija w sittin lira maltin (LM2,160) ghall-bicca markata [f]; u dan skond rapport tal-Arkitett u Inginier Civili Edgar Xuereb tal-11 ta Frar, 1969" Min-naha tieghu Pawlu Cachia b'ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1969 iddikjara li ma accettax il-kumpens offert.

Bicca art ohra li giet esproprjata ghal skop pubbliku u hija mertu ta' din il-kawza hija art konsistenti minn sebat itmiem, erba' sighan u zewg kejliet (7T. 4S. 2K) u villa maghrufa bhala 'Villa Cachia' indikata fir-records tal-intimata Awtorità tal-Artijiet bhala Plot 16. Mis-sentenza **Paul Cachia et vs. L-Avukat Generali et** (Rik Kost 39/2006) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-2 t'Ottubru 2013 nafu li din l-art giet esproprjata mill-Gvern u dan skont l-Avviz Legali 160 tat-13 ta' Frar 1969. Mid-dokumenti annessi mill-intimata Awtorità tal-Artijiet man-nota ta' sottomissjonijiet taghha jirrizulta li b'avviz ta' ftehim datat 20 ta' Frar 1969, Paul Cachia gie infurmat li l-kumpens li ser jithallas ghal din l-art kien ta' erbat elef u erba' mija lira Maltin (Lm4,400) u dan skond rapport tal-Arkitett u Inginier Civili Edgar Xuereb tal-11 ta Frar 1969. Permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1969, Paul Cachia iddikjara li mhux qieghed jaccetta l-kumpens offert.

Permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrenti qeghdin jillamentaw li kemm huma u wisq anqas "l-antekawza taghhom qatt ma rcievew kumpens ghat-tehid ta' dawn l-artijiet mill-intimati"[8]. Ir-rikorrenti jippremettu wkoll li l-intimata Awtorità ma hadet l-ebda passi  sabiex jigi determinat u likwidat il-kumpens dovut b'konsegwenza ghalhekk li kemm huma u kemm l-antekawza taghhom ilhom madwar hamsin sena mcahhda mill-art surreferita u minn kwalunkwe kumpens dovut lilhom ghat-tehid tal-proprjeta' taghhom inkluz interessi fuq il-valur. Ir-rikorrenti jishqu li d-drittijiet taghhom sanciti bl-Artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni gew lezi meta ghadhom ma inghataw l-ebda kumpens u talbu lil din il-Qorti wkoll sabiex tillikwida "kumpens li ghandu jigi mhallas mill-intimati lir-rikorrenti dak l-ammont li jirraprezenta l-valur fis-suq ta' llum tal-artijiet u binjiet kollha fuq

[8] Premessa 14 tar-rikors promotur.

imsemmija, in oltre ammont bhala kumpens ghaz-zamma tal-art u binjiet in kwistjoni mill-intimati ghal madwar hamsin (50) sena u cioe mid-data tat-tehid taghhom kif ukoll ammont bhala kumpens li jidhrilha xieraq ghat-telf fiz-zieda tal-valur fuq l-artijiet u binjiet”.

L-intimati min-naha taghhom jirribattu billi, fost ohrajn, resqu l-eccezzjoni preliminari li bis-sahha tal-**Artikolu 65 tal-Kapitolu 573, Att dwar Artijiet tal-Gvern,** ir-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni taghhom liema rimedju huwa xieraq u effettiv u ghalhekk jeccepixxu illi din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tisma' din il-kawza.

L-intimati qeghdin b'applikazzjoni tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jistiednu lill-Qorti sabiex tiddeklina milli tkompli tisma' din il-kawza ghaliex jirritjenu illi r-rikorrenti ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju effettiv provdut bl-Artikolu 65 tal-Kap. 573.

Ikkunsidrat;

Dwar il-principji regolanti l-fakolta' tal-Qorti li tiddeklina milli tisma' kawza kostituzzjonali u allura jekk rikorrent ghandux (jew kellux) ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju gew trattati estensivament fis-sentenza **Olena Tretjak vs. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs** (Rik Kost 22/2005) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Jannar 2006 fejn tigbor b’mod komprensiv l-insenjament tal-qorti kostituzzjonali fir-rigward:

> “Illi l-ezistenza ta’ rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta’ fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel” minhabba l-ezistenza ta’ rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta’ fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista’ tiddelibera jekk ghandhiex twarrab mili

tezercita s-setgha taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Zahra v. Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179).]. F'kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f'kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma eccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward triq titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-legislatur ried li jilhaq biha: jigifieri, li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, min-naha l-ohra ma jigrix li, minhabba thaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinzamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali ghal dik il-persuna. Kif inghad dan l-ahhar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfitxxu rimedji ohrajn imcahhda, mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta [Kost. **27.2.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***John Sammut v. Awtorita ta' l-Ippjanar et***][9];

"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: LXXV.i.106).]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala

[9] Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et** (Rik Kost 36/2002) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003; **Michael Borg vs. Onorevoli Prim'Ministru et** (Rik Kost 22/2016 LSO) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2016; **L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et** (Rik Kost 36/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Jannar 2016.

wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi [P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata).];

"Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent [P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Bonavia v. L-Awtorita` tal-Ippjanar et.***]; (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni [Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Bannister et*** (kollez. Vol: LXXVIII.I.48) u Kost. **12.12.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Visual & Sound***

***Communications Ltd. v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***]; u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u lprocess l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali [P.A. Kost. **29.10.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubbikata)];

"Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat [Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku***]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali [Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et***]."

Minn dan l-insenjament din il-Qorti jehtiegilha tqis jekk il-Kapitolu 573 jipprovdix rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ilmenti imressaq mir-rikorrenti fil-kawza odjerna. L-artikolu li fuqu jsejsu l-eccezzjoni taghhom l-intimati huwa **Artikolu 65 tal-Kap. 573** li jipprovdi kif gej:

"(1) Kull min juri li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq art li dwarha tkun inħarġet dikjarazzjoni u li dwarha jkun inħareġ ukoll avviż ta' ftehim skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet Għal Skopijiet Pubbliċi, jista' jipproċedi quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jitħallas il-kumpens jekk dan ikun baqa' ma tħallasx mill-awtoritajiet kompetenti.

(2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.

(3) L-awtorità fit-tweġiba tagħha għandha tindika jekk il-Gvern għadux interessat fix-xiri ta' dik l-art.

(4) Jekk meta kien inħareġ l-avviż tal-ftehim, is-sid kien għażel li ma jikkontestax il-prezz offrut fl-avviż permezz ta' att ġudizzjarju, il-kumpens li għandu jitħallas mill-awtorità għandu jkun dak indikat fl-avviż ta' ftehim, kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

(5) Jekk meta kien inħareġ l-avviż tal-ftehim, is-sid kien għażel li ma jaċċettax il-prezz offrut fl-avviż permezz ta' att ġudizzjarju, il-kumpens li għandu jitħallas mill-awtorità għandu jkun stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ, liema kumpens għandu jinħadem skont il-valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni, kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

(6) Il-kumpens iffissat mill-Bord tal-Arbitraġġ m'għandux ikun ogħla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat fl-avviż tal-ftehim.

(7) Barra mill-kumpens għall-akkwist tal-art kif stabbilit f'dan l-artikolu, is-sid jista' jitlob ukoll lill-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jillikwida u jordna lill-awtorità tħallsu kemm danni materjali kif ukoll danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist.

(8) Iż-żmien perentorju indikat fl-artikolu 63(6) biex titressaq l-azzjoni jgħodd mutatis mutandis għall-azzjoni taħt dan l-artikolu."

L-intimata Awtorità ssottomettiet ukoll li s-subartikolu (1), (5) u (7) sucitati huma konformi mal-Artikolu 58 fejn jipprovdi li

> "(1) Il-Bord tal-Arbitraġġ jista':
> [...]
> (d) jiffissa l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att u għal dan l-iskop jiddikjara jekk area hijiex art tajba għall-bini jew le, b'dana li l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet;
> [...]
> (g) jillikwida u jagħti danni materjali u morali;
> [...]"

Dwar jekk Kapitolu 573 jipprovdix rimedju li huwa accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat ghal kaz odjern, jigi osservat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jghidu li "l-kaz odjern ma huwiex wiehed fejn art giet espproprijata u ghadu ma inghatax kumpens izda qatt ma ttiehdu proceduri sabiex jigi stabbilit dak il-kumpens"[10]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Rosaria Schembri et vs. Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' April 2006 kien intqal hekk:

> "L-intimati qed jippretendu li r-rikorrenti messhom hadu passi biex jigi impost terminu fuqhom biex jiehdu l-passi li tridhom jiehdu l-ligi. Il-qorti ma taqbilx ma' dak sottomess billi l-obbligu li jagixxu hu impost mil-ligi fuq l-awtorita` kompetenti u mhux fuq ir-rikorrenti u ghalhekk [l-awtorita` hija] responsabbli ghad-dewmien li kien hemm f'dan il-każ biex inbdew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet".

Il-Qorti tqis illi huwa minnu li llum il-gurnata bis-sahha tal-Artikolu 65 fuq citat ix-xenarju huwa differenti, fejn illum min bata l-esproprju ghandu l-mezzi legali sabiex jipprocedi kontra l-Awtorità tal-Artijiet billi jigi

[10] Pagna 115 tal-process.

pprezentat rikors fir-Registru tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Izda mill-atti jirrizulta li wiehed mill-ilmenti tar-rikorrenti huwa illi nonostante li l-art taghhom ilha esproprjata ghal madwar hamsin sena, sallum ghadhom ma inghatawx kumpens. Il-promulgazzjoni tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sena 2017, filwaqt li evidentement huwa pass 'il quddiem fir-rikonoxximent mill-iStat Malti tad-drittijiet ta' sidien li l-proprjeta' immobiljari taghhom tigi esproprjata ghall-skop pubbliku, mill-banda l-ohra l-ilmenti tar-rikorrenti ta' indoli kostituzzjonali mhux necessarjament gew newtralizzati bil-promulgazzjoni tal-Kap. 573. Jirrizulta mill-atti illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw *inter alia* illi l-kumpens li jistghu ikunu intitolati ghalih taht il-Kap. 573 jirreferi ghall-prezz tal-art fiz-zmien li giet esproprjata u cioe' hamsin sena ilu u ghalhekk isostnu illi qua sidien l-azzjoni bis-sahha tal-Artikolu 65 tal-Kap. 573 ma tissodisfax it-talbiet taghhom fil-kawza odjerna

Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll li “l-kaz odjern huwa differenti ferm minn sempliċi kaz ta’ wiehed ifittex il-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-art li tkun ittiehdietlu b’esproprju. Dan billi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti u l-antenati taghhom ilhom snin twal ifittxu b’diversi mezzi legali u gudizzjarji kif huma jinghataw rimedju mhux sempliċiment fuq likwidazzjoni tal-valur ta’ art li ttiehditilhom b’esproprju izda sabiex jinghataw rimedju ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom li sehhew ukoll u b’konsegwenza ta’ dak it-tehid tal-art b’esproprju.”[11]

Ikkonsidrat;

Ghalkemm huwa minnu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa wiehed straordinarju u meqjus bhala "a measure of last resort"; ma jsegwix necessarjament illi ghaliex wara hafna snin li matulhom sidien ikunu ilhomm jilmentaw minn lezjoni tad-drititijiet fundamentali taghhom jigi promulgat Att li jindirizza l-lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali tar-rikorrenti allura necessarjament li tali sidien jitilfu d-dritt li jadixxu l-Qorti jfittxu

[11] ibid.

dikjarazzjoni gudizzjarja ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom tul l-ghexieren ta' snin antecedenti l-promulgazzjoni tal-Kap. 573. Dan naturalment irrispettivament minn jekk ghandhomx ragun jew le.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 2019 fl-ismijiet "**Carmela Zammit et. vs. L-Awtorita' tal-Artijiet et**." (Rik.Kost.23/17LSO) fejn gie ritenut illi:

> "Il-kawza ordinarja timxi fuq binarju ghal kollox distint mill-kawza mibnija fuq lezjoni ta' Dritt Fondamentali tal-Bniedem. Il-fatti li jaghtu lok ghaz-zewg tipi ta' kawzi jistghu ikunu l-istess, u normalment huma l-istess, izda l-causa petendi, r-raguni giuridika tal-kawza, hija differenti. Il-petitum jista' ikun l-istess in kwantu kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem il-Bord, is-sid ifittex kumpens xieraq. Madanakollu il-kumpens ikkontemplat bhala rimedju ghall-lezjoni ta' dritt fondamentali mhuwiex necessarjament l-istess bhal dak moghti minn tribunal ta' kompetenza ordinarja. Inoltre, wiehed irid ifakkar li din il-Qorti ghandha d-dover li taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq filwaqt li l-awtorita' tal-Bord certament mhix daqshekk illimitata."

Mir-ricerka maghmula ma rrizultax lill-Qorti li ghad hemm gurisprudenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet dwar it-thaddim tas-setghat moghtija lill-Bord li jordna l-hlas ta' danni morali.. Il-Qorti tqis li din hija raguni ohra ghaliex ma thossx li ghandha tiddeklina milli tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.

Ghalhekk qed tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija u tiddeciedi li ser tkompli tisma' din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat kif ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-intimata Awtorità tal-Artijiet billi tichadhom.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**